



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.6.2007
KUMM(2007) 378 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Rapport dwar il-progress tar-Rumanija fir-rigward ta' miżuri supplimentari wara l-
Adeżjoni**

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

Rapport dwar il-progress tar-Rumanija fir-rigward ta' miżuri supplimentari wara l-Adeżjoni

1. INTRODUZZJONI

1.1. Kuntest

Meta r-Rumanija ssieħbet ma' l-UE fl-1 ta' Jannar 2007, saru dispożizzjonijiet speċjali biex jiffaċilitaw u jappoġġaw l-adeżjoni tagħha mingħajr problemi filwaqt li, fl-istess ħin, jissalvagwardjaw it-tħaddim tajjeb tal-politiki u l-istituzzjonijiet ta' l-UE.

Kif rikjest mill-Istati Membri kollha, malli ssieħbet ma' l-UE, ir-Rumanija ħadet fuqha d-drittijiet u l-obbligi tas-sħubija. Skond il-prassi normali, il-Kummissjoni ssegwi l-applikazzjoni tal-liġi (*l-acquis communautaire*) biex tiżgura li dawn l-obbligi jiġu rrispettati.

Barra minn hekk, b'konformità ma' l-arranġamenti li saru fil-konfront ta' dawk il-pajjiżi li ssieħbu ma' l-UE fl-2004, fit-Trattat ta' l-Adeżjoni ġew inklużi dispożizzjonijiet għal salvagwardji u arranġamenti tranżizzjonali (pereżempju, restrizzjonijiet fir-rigward tal-moviment ħieles tal-ħaddiema, dwar l-aċċess għal networks ta' trasport bit-toroq; dispożizzjonijiet dwar regoli veterinarji, fitosanitarji u tas-sikurezza ta' l-ikel). It-Trattat ta' l-Adeżjoni jagħmilha ċara li jekk ikun hemm nuqqasijiet serji fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' *l-acquis* fl-oqsma ekonomiċi, tas-suq intern u tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, jistgħu jittieħdu miżuri ta' salvagwardja¹ sa tliet snin wara l-adeżjoni. L-adeżjoni tar-Rumanija ġiet akkumpanjata wkoll minn ġabra ta' miżuri supplimentari speċifiċi, li ġew stabbiliti għall-prevenzjoni jew ir-rimedju ta' nuqqasijiet fl-oqsma tas-sikurezza ta' l-ikel, il-fondi agrikoli, ir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Għall-ewwel tnejn ġie stabbilit mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u verifika li jistabbilixxi kriterji sabiex jipprovdi l-qafas għall-monitoraġġ tal-progress f'dan il-qasam².

Dan il-mekkaniżmu ġie stabbilit sabiex itejjeb it-tħaddim tas-sistema leġislattiva, amministrattiva u ġudizzjarja u biex jindirizza n-nuqqasijiet fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-iskop tal-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika huwa li jiżgura li jittieħdu miżuri ħalli tingħata ċertezza lir-Rumeni u lill-Istati Membri l-oħra li d-deċiżjonijiet, il-leġislazzjoni u l-prassi amministrattivi u ġudizzjarji fir-Rumanija jkunu konformi mal-bqija ta' l-UE. Il-progress fir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni se jippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji Rumeni jgawdu mid-

¹ L-Artikoli 36, 37 u 38 ta' l-Att ta' Adeżjoni

² Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija biex jindirizza kriterji speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, KE (2006/928), ĠU L 354/56 ta' l-14.12.2006.

drittijiet li ħaqqhom bħala ċittadini ta' l-UE. Mingħajr progress irriversibbli f'dawn l-oqsma, ir-Rumanija għandha mnejn ma tkunx tista' tapplika korrettament il-liġi ta' l-UE.

Il-Kummissjoni ntalbet tirrapporta dwar dawn il-miżuri supplimentari fuq bażi regolari. Fil-każ tal-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika, intalbu rapporti kull sitt xhur, minn Ġunju 2007. Dan ir-rapport jippreżenta deskrizzjoni komprensiva tal-qagħda attwali fir-rigward tal-miżuri supplimentari u huwa l-ewwel rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika. Huwa jagħti wkoll ħarsa lejn l-oqsma kollha fejn għew stabbiliti miżuri supplimentari, filwaqt li jagħti importanza lir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

1.2. Metodoloġija

Ir-rapport tfassal min għadd ta' sorsi ta' informazzjoni. Il-Gvern tar-Rumanija kien l-għajn ewlenija ta' informazzjoni. Ingħataw ukoll informazzjoni u analiżijiet mill-Uffiċċju tar-Rappreżentanza tal-KE u l-missjonijiet diplomatiċi ta' l-Istati Membri fir-Rumanija, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, assoċjazzjonijiet u rapporti ta' esperti. Il-Kummissjoni organizzat missjonijiet fir-Rumanija matul April 2007, taħt il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika. Dawn għew appoġġati minn esperti individwali mill-Istati Membri u mis-servizzi tal-Kummissjoni. L-għan kien li tinkiseb valutazzjoni indipendenti tal-progress. L-esperti fasslu rapporti li, sussegwentement, intbagħtu lir-Rumanija biex jiġu kkoreġuti l-ineżattezzi fattwali.

Ir-Rumanija ressqet l-ewwel rapport dwar il-progress miksub bil-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika sal-31 ta' Marzu 2007 u minn dakinhar issuktat taġġorna lill-Kummissjoni dwar l-iżviluppi pertinenti.

2. MIŻURI SUPPLEMENTARI: IL-QAGĦDA ATTWALI

Il-miżuri supplimentari fir-rigward tar-Rumanija jkopru l-fondi agrikoli, is-sikurezza ta' l-ikel, ir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Dan il-kapitolu jeżamina fil-qosor l-iżviluppi fl-ewwel tnejn minn dawn l-oqsma, li elementi minnhom huma wkoll soġġetti għal rekwiżiti separati ta' rappurtaġġ. Il-progress li sar fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni huwa evalwat fil-Kapitolu 3.

Hemm informazzjoni ulterjuri fl-anness dwar il-qagħda attwali fir-rigward tal-klawżoli ta' salvagwardja u dispożizzjonijiet oħra f'dawn l-oqsma. Minħabba l-istrutturi ta' implimentazzjoni u l-mekkaniżmi ta' rappurtaġġ stabbiliti fl-oqsma ta' l-agrikoltura, is-saħħa ta' l-annimali u s-sikurezza ta' l-ikel, fil-ġejjieni dawn is-suġġetti mhux ser ikunu koperti minn dan ir-rapport orizzontali. Jekk ikunu meħtieġa deċiżjonijiet ulterjuri f'dawn l-oqsma, ser jittieħdu fuq bażi individwali skond ir-regoli li jirregolaw dawn is-setturi.

2.1. Fondi agrikoli

Fir-rigward tal-fondi agrikoli, l-Istati Membri huma obbligati li jkollhom aġenziji tal-ħlas akkreditati u effiċjenti li jiżguraw il-ġestjoni u l-kontroll tajba tan-nefqa agrikola. L-Istati Membri huma wkoll obbligati li joperaw sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (IACS) għal ħlasijiet diretti lill-bdiewa u għal partijiet

minn nefqiet fuq l-iżvilupp rurali (sabiex jiġu evitati, fost oħrajn, prassi qarrieqa u ħlasijiet irregolari). Jekk l-Istati Membri jonqsu milli joperaw dawn is-sistemi ta' kontroll b'mod xieraq, il-Kummissjoni tiddeċiedi *ex-post* dwar korrezzjonijiet finanzjarji fuq bażi annwali. Billi r-riskju li l-IACS ma taħdmix b'mod xieraq wara l-adeżjoni tar-Rumanija kien għoli wisq, il-Kummissjoni stabbiliet mekkaniżmu ta' salvagwardja li jista' jiġi applikat lir-Rumanija jekk ċerti elementi ta' l-IACS (sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll) jew l-elementi l-oħra meħtieġa għall-iżgurar tal-ħlas korrett ma jiġux stabbiliti jew ikollhom nuqqasijiet serji. Il-mekkaniżmu ta' salvagwardja jipprevedi li n-nefqa relatata ma' l-IACS tkun tista' titnaqqas proviżorjament b'25%. It-tfassil ewlieni fir-rigward ta' l-IACS kellu x'jaqsam mar-rabta bejn ir-reġistru ta' l-irziezet u l-LPIS (sistema ta' identifikazzjoni tal-pakketti ta' l-art), il-kapaċità amministrattiva u l-loġistika, is-sistema tat-teknoloġija ta' l-informatika (IT) u l-kwalità tad-data li tiġi reġistrata. Mir-rapport li wasal mingħand l-awtoritajiet Rumani f'Marzu 2007 jidher li s-sistema għadha mhix kompletament fis-seħħ: tnejn mill-erba' moduli ta' l-IACS huma disponibbli biss bħala prototipi. Barra minn hekk, il-modulu tal-kontrolli amministrattivi ma jidherx li għandu l-funzjonalitajiet kollha meħtieġa. Ir-rapport juri problemi kbar fit-taħdimit tas-sistemi ta' l-IT. Deċiżjonijiet dwar jekk hux meħtieġ li jiġu applikati miżuri ta' salvagwardja (li potenzjalment jistgħu jwasslu għal tnaqqis fin-nefqa relatata ma' l-IACS) ser jittieħdu fuq il-bażi tar-risultati tal-verifika li l-Kummissjoni se twettaq f'Ġunju-Lulju 2007 u fuq evalwazzjoni tar-rapport li l-Awtoritajiet tar-Rumanija bagħtu f'Marzu 2007.

2.2. Is-Saħħa ta' l-Animali u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Fil-qasam tas-saħħa ta' l-animalli, il-miżuri tranżizzjonali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer ittieħdu u l-pjanijiet ta' eradikazzjoni ġew approvati. Hija ppjanata li ssir reviżjoni ta' dawn l-isforzi f'Settembru 2007. Il-Kummissjoni invokat ukoll salvagwardja addizzjonali biex tillimita l-kummerċ intra-Komunitarju fiż-żwiemel mir-Rumanija. Ir-Rumanija qed taġġorna l-impjanti ta' l-ipproċessar tal-laħam tagħha u ntalab rapport dwar il-progress. Fis-setturi tal-laħam, il-ħut u l-ħalib, ingħataw miżuri tranżizzjonali lil għadd kbir ta' stabbilimenti, u dawn huma permessi jinnegozjaw biss fis-suq nazzjonali tar-Rumanija. Ġew adottati miżuri speċifiċi għall-ħalib mhux ipproċessat.

3. IR-RIFORMA ĠUDIZZJARJA U L-ĠLIEDA KONTRA L-KORRUZZJONI

3.1. Deskrizzjoni fil-qosor

Ir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni kienet issorveljata mill-qrib mill-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika. Dan li ġej jipprovdi analiżi fil-qosor u spjegazzjoni dettaljata tal-progress li sar fir-rigward tal-kriterji taħt il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika. L-ispiegazzjoni dettaljata hija strutturata fuq azzjonijiet li ntużaw bħala indikaturi tal-progress fl-ilħiq tal-kriterji.

Ir-Rumanija għamlet gradi diversi ta' progress fl-ilħiq ta' xi wħud mill-kriterji stipulati fil-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika. Huwa importanti li dawn il-kriterji ma jiġux ikkunsidrati bħala lista ta' azzjonijiet li għandhom isiru waħda waħda. Hemm konnessjonijiet bejniethom kollha. Il-progress f'wieħed minnhom iħalli impatt fuq l-oħrajn. Kull kriterju huwa element essenzjali fil-bini ta' sistema

ġudizzjarja u amministrattiva indipendenti u imparzjali. Il-ħolqien u s-sostenn ta' sistema bħal din jieħdu ż-żmien. Tinvolve bidliet fundamentali ta' dimensjoni sistematika. Għaldaqstant, il-kriterji ma jistgħux jitqiesu indipendentement minn xulxin. Jeħtieġ li jitqiesu flimkien bħala parti minn riforma wiesgħa tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni li teħtieġ impenn politiku fit-tul. Tinftegh iktar evidenza ta' l-implimentazzjoni fil-prattika sabiex jintwera li l-bidla hija irriversibbli.

Il-Gvern tar-Rumanija ħa l-impenn li jirrifirma s-sistema ġudizzjarja u jnaddafha mill-korruzzjoni. Fl-oqsma kollha, l-awtoritajiet Rumani qegħdin juru rieda tajba u determinazzjoni. Huma ħejjew l-abbozzi tal-liġijiet, il-pjanijiet u l-programmi ta' azzjoni meħtieġa. Madankollu, il-valutazzjoni reali tista' ssir biss permezz ta' l-implimentazzjoni b'determinazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet fil-prattika u b'mod kontinwu. Għad hemm dgħufija ċara fit-traduzzjoni ta' dawn l-intenzjonijiet f'riżultati. Ir-Rumanija żiedet l-isforzi fl-ogħla livelli fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Filwaqt li tirrikonoxxi dawn l-isforzi, għad hemm ħafna xi jsir. Il-progress li sar fil-perjodu qasir ta' żmien mindu ġie stabbilit il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika għadu mhux biżżejjed.

Il-problemi li għandhom l-għerq tagħhom fil-fond, primarjament il-korruzzjoni, jeħtieġu t-twaqqif irriversibbli u effettiv ta' strutturi sostenibbli fil-livell ta' l-investigazzjoni u l-infurzar li jkollhom il-ħila jibagħtu sinjali qawwija u dissważivi. Barra minn hekk, il-bidliet strutturali li jinħtieġu, għandhom impatt fuq is-soċjetà in ġenerali u jeħtieġu bidla fil-pass li tmur lil hinn sewwa milli sempliċement jintlaħqu l-kriterji. Dan jirrikjedi impenn b'saħħtu u fit-tul min-naħa tar-Rumanija u jista' jirnexxi biss jekk is-separazzjoni stretta tas-setgħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji tiġi rrispettata, u jekk ikunu fis-seħħ kundizzjonijiet politiċi u impenn politiku stabbli.

3.2. Valutazzjoni

3.2.1. *Kriterju 1: L-iżgurar ta' proċess ġudizzjarju iktar trasparenti u effiċjenti partikolarment billi tittejjeb il-kapaċità u r-responsabbiltà tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Rapportar u sorveljanza ta' l-impatt tal-kodiċijiet il-ġodda tal-proċeduri ċivili u penali*

Il-miżuri kollha tal-pjan ta' azzjoni tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM) issa ġew implimentati u qed jagħtu l-ewwel riżultati partikolarment fir-rigward ta' l-istabbiliment ta' ġurisprudenza koerenti. Madankollu, in-nuqqas ta' prassi unifikata għall-każijiet tar-radd lura tal-proprietà għadu inkwetanti.

L-evidenza tal-prassi ta' sorveljanza sal-lum fir-rigward ta' l-impatt ta' l-emendi li saru lill-kodiċijiet tal-Proċedura ċivili u kriminali tagħti assikurazzjoni ta' impenn kredibbli min-naħa ta' l-awtoritajiet ta' integrazzjoni tal-kummenti tal-prattikanti fl-abbozzi tal-kodiċijiet tal-proċedura l-ġodda. Sar progress tajjeb fil-ħidma fuq il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili iżda f'tit li xejn fuq il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali l-ġdid.

Jinftegh iktar sforzi biex jitlestew ir-riformi fir-rigward tal-persunal u l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja u biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tagħhom. Ir-riformi f'dan il-qasam għadhom ġew implimentati parzjalment biss.

Politika tal-persunal ibbażata fuq il-ħtiġijiet mhijiex meġġuna mill-garanziji legali eżistenti għas-sigurtà tal-kariga ta' l-imħallfin u l-prosekuturi. L-għażla prevista attwalment, fejn il-pożizzjonijiet tax-xogħol jimtew permezz ta' proċeduri ta' ammissjoni "rapidi" flimkien mal-kompetizzjonijiet annwali, tqajjem tħassib dwar il-kwalità tar-rekluti l-ġodda kollha fis-sistema ġudizzjarja Rumena.

Kollox ma' kollox, ir-Rumanija kisbet xi progress fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja tagħha.

Valutazzjoni fid-Dettall

- Implimentazzjoni tal-miżuri kollha meħtieġa, inklużi dawk ipprovduti fil-Pjan ta' Azzjoni rilevanti tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura adottat f'Ġunju 2006, li jiżguraw interpretazzjoni u applikazzjoni konsistenti tal-liġi fil-livelli kollha tal-qrati madwar il-pajjiż, wara konsultazzjoni adegwata ma' l-imħallfin, il-prosekuturi u l-avukati Prattikanti; sorveljanza ta' l-impatt ta' miżuri leġiżlattivi u amministrattivi adottati dan l-aħħar

Ġew adottati u implimentati azzjonijiet u miżuri inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni adottat f'Ġunju 2006 mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM) biex jiġu żgurati li l-kundizzjonijiet meħtieġa – leġiżlattivi, amministrattivi jew oħrajn – jkunu stabbiliti sabiex il-qrati jsiru iżjed konxji u iżjed impenjati fl-iżgurar li l-ġurisprudenza tagħhom tkun konsistenti ma' dik ta' qrati oħra fl-istess livell ta' ġurisdizzjoni, kif ukoll ma' dik tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (QGħKĠ).

L-Appell fl-interess tal-liġi huwa l-istrument ċentrali f'dak ir-rigward³. Dan kien ingħata xejra ġdida fl-2005 u issa huwa aċċessibbli għall-Qrati ta' l-Appell (li kienu l-ikbar sors ta' ġurisprudenza kontradittorja), u d-deċizzjonijiet maħruġa mill-QGħKĠ jingħataw effett vinkolanti fl-aġġudikazzjoni ta' dawn l-appelli. Meta wieħed iqis ir-ritmu ta' tressiq u deċizzjonijiet fir-rigward ta' l-appelli fl-interess tal-liġi fit-tieni nofs ta' l-2006 u l-ewwel xhur ta' l-2007, din il-proċedura saret strument sinifikanti għall-unifikazzjoni tal-ġurisprudenza. Bħala tali, dan l-istrument jista' jkun biżżejjed, u inizjattivi leġiżlattivi oħra bil-għan li jgħallqu mekkaniżmi ġodda għall-unifikazzjoni tal-ġurisprudenza għandhom jitqiesu bir-reqqa fil-konfront tar-riżultati pożittivi miksuba mill-appelli fl-interess tal-liġi⁴.

L-aċċess tal-maġistrati għall-ġurisprudenza tjebet. id-disponibilità tal-Ġabriet tal-QGħKĠ hija żgurata lill-qrati kollha u t-testi sħaħ tad-deċizzjonijiet tal-QGħKĠ issa huma aċċessibbli fuq il-websajt tal-Qorti. Il-proċess intensiv ta' l-awtomazzjoni tal-qrati fis-snin li għaddew żied l-aċċess għall-materjali legali u l-

³ Dan huwa appell speċjali maħsub esklussivament biex jgħaqqad il-ġurisprudenza peress li din ma toħroġ minn proċediment speċifiku. Is-setgħa li jitressaq dan l-appell tinsab f'idejn l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali marbut mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja u mal-bordijiet ewlenin tal-Qrati ta' l-Appell.

Id-deċizzjonijiet li tagħmel l-QGħKĠ f'appell fl-interess tal-liġi jorbtu għall-qrati kollha u l-ġurisprudenza stabbilita tista' tinbidel biss bil-liġi.

⁴ Il-KSM, il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-QGħKĠ qed jissoktaw il-ħidma fuq abbozz ta' leġiżlazzjoni li tintroduċi proċedura ġdida quddiem il-QGħKĠ, li tagħti lil-qrati inferjuri l-possibilità li jiksibu interpretazzjoni awtorevoli tal-liġi permezz ta' deċizzjoni preliminari tal-Qorti l-Għolja. Il-mekkaniżmu l-ġdid, madankollu, għadu kontroversjali fost il-prattikanti u l-prospetti tiegħu għandhom dubju.

ġurisprudenza għall-maġistrati. Fil-livell orizzontali, il-Qrati ta' l-Appell jippubblikaw u jqassmu bejniethom l-hekk imsejħa Fuljetti ta' kull Tliet Xhur li jkun fihom każistika rilevanti mill-ġurisdizzjoni rispettiva tagħhom.

Huma fis-seħħ kurrikulu kontinwu u programm deċentralizzat ta' taħriġ ta' l-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura (INM). Il-kurrikulu kontinwu tat-taħriġ ta' l-INM għall-2007 fih 19-il seminar bħal dan għal 120 maġistrat (meta mqabbel ma' 9 seminars fl-2006) u l-programm deċentralizzat kontinwu ta' taħriġ jipprovdi għal minimu ta' 3 seminars kull sena li għandhom jiġu organizzati għall-qorti/uffiċċju tal-prosekutur (meta mqabbel ma' minimu ta' seminar wieħed fis-sena fl-2006, meta 135 seminars bħal dawn ġew organizzati).

Il-KSM stabbilixxa mekkaniżmu għas-sorveljanza ta' l-effetti li l-miżuri jkollhom fuq il-ġurisprudenza mal-pajjiż kollu. Għe stabbilit mekkaniżmu regolari ta' konsultazzjoni fost il-qrati fir-rigward ta' kwistjonijiet marbuta ma' l-uniformità tal-prassi tal-qrati. Minn Jannar 2007, fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-2006 tal-KSM, qed jinżammu laqgħat regolari tal-presidenti ta' l-awli tal-QGħKĠ mal-kontropartijiet tagħhom mill-qrati ta' l-appell sabiex jarmonizzaw il-prassi u jiddiskutu proposti possibbli għal appelli fl-interess tal-liġi. Fi Frar 2007, il-KSM stipula obbligu għal kull qorti biex iżomm laqgħa kull xahar għall-imħallfin f'kull livell tal-ġurisdizzjoni, sabiex tkun żgurata komunikazzjoni xierqa fost il-prattikanti fil-livell lokali. Il-Kunsill ħareġ ukoll bl-idea ta' mekkaniżmu ċentrali li, permezz tiegħu, iżomm laqgħat regolari mal-presidenti ta' l-awli ta' kull Qorti ta' l-Appell, kif ukoll mal-QGħKĠ. L-iskop tal-laqgħat huwa li jinholq forum fejn il-qrati kollha li jiddeċiedu fuq appelli finali (il-QGħKĠ u l-Qrati ta' l-Appell) u li b'hekk jistabbilixxu l-prassi tal-kassazzjoni, ikunu jistgħu jiddiskutu dawk il-kwistjonijiet legali li ħafna drabi jiġu identifikati bħala l-kawża ta' ġurisprudenza kontradittorja.

Fl-aħħarnett, wieħed għandu jsemmi li l-ksib ta' prassi unifikata xi kultant hija mxejjla mill-bidliet frekwenti fil-leġiżlazzjoni, li wħud minnhom ikunu marbuta mal-konsolidazzjoni tar-riforma tas-sistema ġudizzjarja.

- *Tfassil u implimentazzjoni ta' mudell razzjonali u realistiku għall-persunal tas-sistema ġudizzjarja fuq il-bażi ta' l-evalwazzjoni kontinwa tal-ħtiġijiet*

Is-sitwazzjoni tar-riżorsi umani fis-sistema ġudizzjarja tar-Rumanija, kif ukoll il-kapaċità ta' l-amministrazzjoni fil-livell ċentrali u fil-livell tal-qrati jew ta' l-uffiċċju tal-prosekutur, għadhom jirrappreżentaw sfida għall-awtoritajiet. Il-KSM u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (UPG) qed jindirizzaw dawn l-isfidi⁵. Bħalissa qed issir hídma fuq ir-razzjonalizzazzjoni tal-persunal u r-ristrutturar istituzzjonali.

⁵

Bħalissa hemm 428 pożizzjoni battala għall-imħallfin (106 minnhom huma pożizzjonijiet ewlenin) minn total ta' 4 469 post ġudizzjarju u 604 pożizzjonijiet battala għall-prosekuturi (120 minnhom huma pożizzjonijiet ewlenin) minn total ta' 2 784 pożizzjoni ta' prosekuzzjoni.

Programm ta' assistenza teknika bilaterali mar-Renju Unit dwar il-ġestjoni tal-qrati beda evalwazzjoni tal-possibbiltajiet għat-titjib tal-ġestjoni tal-qrati. Barra minn hekk, studju dwar l-ammont ta' xogħol tal-qrati u l-uffiċċju tal-prosekutur serva ta' bażi għal inizzjattiva tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-KSM biex jirrazzjonalizzaw l-istrutturi tal-persunal ta' dawk l-uffiċċji li għandhom ammont ta' xogħol li huwa inqas sewwa mill-medja. Min-naħa tiegħu, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, marbut mal-QGħKĠ, ikkonkluda strateġija ta' ristrutturar, appoġġata mill-KSM u adottata mill-Ministeru tal-Ġustizzja f'April

L-awtoritajiet ġudizzjarji normalment huma dawk li jiddeċiedu, fil-livell kunċettwali, liema kwistjonijiet jaqgħu taħt it-terminu ġenerali ta' "ġestjoni tal-qrati" u kif il-bosta ħidmiet manigierjali li jaqgħu taħt dan il-kunċett jistgħu jitqassmu bejn il-presidenti tal-qrati/il-prosekuturi ewlenin, id-diretturi ekonomiċi, l-iskrivani, il-maġistrati nfushom u, possibilmment, l-amministratur/il-manigier tal-qorti. Barra minn hekk, reviżjoni ta' l-istrateġija tar-riżorsi umani u t-tħaddim konkret ta' tabella riveduta tal-persunal jirrikjedu grad ta' flessibilità fil-ġestjoni tal-karrieri tal-maġistrati li huwa ikbar milli jippermetti l-qafas leġiżlattiv attwali.

Il-fenomeni tas-sekondar tal-maġistrati jidher li huwa problematiku. Madwar 200 imħallef u prosekutur huma ssekondati mill-pożizzjonijiet ġudizzjarji tagħhom għal istituzzjonijiet differenti (il-KSM, il-Ministeru tal-Ġustizzja, l-INM, l-NSC, eċċ.). F'bosta każijiet, il-pożizzjonijiet oriġinali tal-maġistrati ssekondati ma jittqisux bħala formalment battala u għalhekk ma jimtlewx minħabba li l-maġistrati kkonċernati għandhom id-dritt li jżommu l-pożizzjonijiet tagħhom fil-ġudikatura. L-unika soluzzjoni possibbli hija li jiġi ssekondat imħallef minn qorti oħra sabiex ikopri temporanjament il-pożizzjoni battala *de facto*. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni ma tippovdix għal limitu numeriku fuq l-għadd ta' sekondar, u dawn huma mfittxija ħafna minħabba l-pagi ogħla li jirċievu l-maġistrati ssekondati. Il-KSM qiegħed madanakollu jsir iktar strett fl-għoti tas-sekondar lill-maġistrati. Suġġett relatat ieħor huwa l-mod kif l-awtoritajiet kompetenti⁶ jistgħu jimmodifikaw l-iskema tal-persunal tal-ġudikatura. It-tneħħija ta' pożizzjoni mill-iskema tal-persunal hija permessa biss jekk il-pożizzjoni kkonċernata tkun battala. B'riżultat ta' dan, il-gvern ma jistax inaqqas l-għadd ta' pożizzjonijiet f'qorti li kellha l-pożizzjonijiet kollha tagħha mimlija, anki jekk l-ammont ta' xogħol tal-qorti kellu juri li ħafna minnhom m'hemmx bżonnhom.

L-abbozz tal-konklużjonijiet ta' studju dwar l-attività tal-qrati ż-żgħar, li qed jiġi analizzat mill-KSM u l-Ministeru tal-Ġustizzja jikkonferma li ħafna mill-qrati ż-żgħar jeħtieġu razzjonalizzazzjoni ta' l-istrutturi tagħhom tal-persunal (xi wħud jirrikjedu saħansitra li jwaqqfu l-attivitajiet tagħhom); għaldaqstant, l-arranġament mill-ġdid tar-riżorsi umani biex jirriflettu aħjar l-ammont reali ta' xogħol ta' kull qorti jirrikjedi bilanċ tajjeb ta' l-inizjattivi amministrattivi u leġiżlattivi, li għandhom ma ttieħdux (abbozz ta' leġiżlazzjoni riċenti mħejji mill-Ministeru tal-Ġustizzja li kellu l-għan li jipprovdi għal proċedura ta' trasferiment eċċezzjonali fil-każijiet tar-rijorganizzazzjoni tal-qrati jew ta' l-uffiċċji tal-prosekuturi, ġie oppost mill-KSM).

2007, li għandha l-għan li tnaqqas l-għadd ta' Sezzjonijiet ta' l-UPĠ minn 9 għal 4 u li tadotta servizz prosekutorjali iktar flessibbli u modern.

F'Diċembru 2006, il-KSM approva studju dwar l-ammont ta' xogħol tal-qrati miġbur fuq il-bażi ta' statistika miġbura fl-2005 u l-2006. Ir-rapport juri tkabbir sinifikanti fl-attività tal-qrati fl-2006, fil-livell tal-qrati u t-tribunali ta' l-ewwel istanza, kif ukoll ta' l-ammont ta' xogħol għal kull imħallef individwali, primarjament fil-livell tat-tribunali. L-istess rapport jindika li, fil-livell tal-qrati ta' appell, il-volum ta' l-attività baqa' jonqos. Ir-Rumanija għandha l-għan li tqis is-sejbiet ewlenin hija u tlesti l-istudju dwar il-volum ottimali ta' kawżi għal kull imħallef.

6

L-Artikoli 120 u 121 tal-Liġi Nru 304/2004 dwar l-Organizzazzjoni tal-Ġudikatura.

Rimedju ieħor meqjus mill-KSM fi ħdan strateġija iktar fit-tul għar-riżorsi umani, huwa li jitbaxxew l-istandards għall-ammissjoni tal-maġistrati bħala soluzzjoni temporanja sakemm jimtlew il-pożizzjonijiet battala kollha. Wara r-riformi leġiżlattivi ta' l-2004 u l-2005, il-maġistratura fir-Rumanija għandha sigurtà ta' l-impjieġ għal għomor il-maġistrat u ammont konsiderevoli ta' regoli għall-ħarsien tal-karriera. Jista' jseħħ li rekluti bi standard potenzjalment iktar baxx ma jkunux jistgħu jiġu eliminati faċilment jekk iktar tard jinstabu li ma jkunux jistgħu jissodisfaw dak li tistenna s-sistema.

- L-iżvilupp u implimentazzjoni ta' pjan għar-ristrutturazzjoni tal-Ministeru Pubbliku li jindirizza n-nuqqasijiet maniġerjali eżistenti u l-kwistjonijiet tar-riżorsi umani

Ġie żviluppat pjan għar-ristrutturazzjoni tal-Ministeru Pubbliku u l-implimentazzjoni tiegħu għaddejja bħalissa. Madankollu, il-proċess huwa mfixkel min-nuqqas ta' mudell effiċjenti għall-persunal tas-sistema ġudizzjarja.

Il-Pjan għall-Organizzazzjoni mill-Ġdid tal-Ministeru Pubbliku ġie abbozzat fuq il-bażi ta' l-analiżi tar-rapporti ta' attività ta' l-2005 u l-2006 tal-Ministeru Pubbliku.

Fit-2 ta' Ottubru 2006, il-Prosekutur Ġenerali tar-Rumanija nħatar mill-President, fuq proposta mill-Ministeru tal-Ġustizzja, u approvat mill-KSM.

Il-problemi ewlenin jikkonċernaw in-nuqqasijiet fil-qasam maniġerjali u distribuzzjoni mhux uniformi u ineffiċjenti ta' prosekuturi fl-uffiċċji tal-Ministeru Pubbliku, meta jitqies l-ammont ta' xogħol ta' kull prosekutur.

Għalhekk, il-Pjan huwa organizzat f'dawn il-ħames passi li ġejjin: (1) Ir-ristrutturazzjoni ta' l-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (QGħKĠ); (2) L-abbozzar u l-approvazzjoni tar-Regolament Intern il-ġdid tal-Ministeru Pubbliku; (3) Id-distribuzzjoni mill-ġdid tal-pożizzjonijiet tal-prosekuturi; (4) Il-mili tal-pożizzjonijiet ewlenin battala; (5) Il-mili tal-pożizzjonijiet mhux ewlenin battala.

L-ewwel żewġ passi diġà ttieħdu.

It-tielet pass qiegħed għaddej bħalissa u d-data għat-tlestija tiegħu hija tmiem l-2007: il-maġġoranza tal-każijiet jiġu indirizzati mill-uffiċċji tal-prosekutur marbuta mal-qrati ta' l-ewwel istanza. Konsegwentement, l-iskema tal-persunal għandha tiġi organizzata mill-ġdid billi jiġu ttrasferiti xi pożizzjonijiet mill-uffiċċji tal-prosekuturi għolja għal oħrajn li huma inferjuri. Billi bħalissa l-pożizzjonijiet superfluwi ma jistgħux jiġu ddistribwiti jekk ikunu okkupati, l-organizzazzjoni mill-ġdid tirrikjedi xi żmien.

Ir-raba' pass qiegħed għaddej u huwa "miżura permanenti". Fil-Ħarifa ta' l-2006, saru kompetizzjonijiet miftuħa għall-pożizzjonijiet ewlenin u mtlew 17-il pożizzjoni f'uffiċċji tal-prosekuturi. Bejn Jannar u Marzu 2007, imtlew ħames pożizzjonijiet ewlenin oħra fil-QGħKĠ. Hemm kompetizzjonijiet oħra għal pożizzjonijiet ewlenin ippjanati għar-rebbiegħa u l-ħarifa ta' l-2007.

Il-ħames pass għadu għaddej ukoll u huwa "miżura permanenti" wkoll. Il-mod normali ta' kif jiġu reklutati l-prosekuturi ma jippermettix li l-pożizzjonijiet battala jimtlew għax l-INM jippermetti biss li jiġgradwaw 180 kandidat fis-sena u 40% biss minn dawn isiru prosekuturi.

- Sorveljanza ta' l-impatt li l-emendi adottati dan l-aħħar għall-Kodiċijiet tal-Proċedura Ċivili u Kriminali jkollhom fuq is-sistema ġudizzjarja sabiex kull miżura korrettiva meħtieġa tkun tista' tiddaħħal fil-Kodiċijiet il-ġodda ppjanati

Il-Liġi nru. 459/2006 li temenda l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ġiet adottata f'Diċembru 2006 u daħlet fis-seħħ f'Jannar 2007. Il-bidliet ewlenin jikkonċernaw (a) it-trasferiment tal-kompetenza biex jiġu riżolti pretensjonijiet mingħajr bażi li jikkontestaw imħallfin tal-qorti li quddiemha titressaq il-pretensjoni, (b) is-simplifikazzjoni tal-proċedura koersiva ta' l-infurzar.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja ssorvelja l-impatt ta' dawn l-emendi billi rrikjeda l-evalwazzjoni tal-qrati kkonċernati u l-ġbir ta' suġġerimenti spontanji mressqa mill-imħallfin. Peress li għadda perjodu qasir biss mid-dħul fis-seħħ tagħha, il-qrati jirreferu l-aktar għall-impatt potenzjali tal-liġi.

Il-Liġi nru. 356/2006 li temenda l-Kodiċi Tal-Proċedura Kriminali ġiet adottata f'Lulju 2006 u daħlet fis-seħħ fid-9 ta' Settembru 2006. Saru emendi oħra bl-Ordinanza Governattiva ta' Emerġenza (OGE) nru. 60/2006. L-emendi ewlenin jikkonċernaw (a) it-tisħiħ ta' miżuri alternattivi għad-detenzjoni fuq rimandar, (b) ir-restrizzjoni tar-raġunijiet għall-kontestazzjoni ta' l-imħallfin, (c) l-eliminazzjoni tar-rimandar dirett għall-proċess fil-każ ta' offiżi żgħar li jistgħu jiħarrku fuq talba tal-vittma (bħalissa prosekutur għandu jinvestiga l-każ u ħafna drabi t-talba tal-vittma tiġi rtirata), (d) ir-restrizzjoni tal-possibilità tal-qrati li jirreferu l-każ lura lill-prosekutur għal iktar investigazzjoni.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja ssorvelja l-impatt ta' dawn l-emendi billi għabar l-opinjonijiet ta' l-imħallfin ikkonċernati, u għamel lista ta' suġġerimenti għall-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali. Il-KSM ukoll ta l-kontribut tiegħu. Madankollu, il-kontributi msemmeja għadhom ma tqisux. Xi punti ta' tħassib jinkludu l-possibilitajiet għall-prosekuturi li jinterċettaw il-korrispondezja u jittappjaw it-telefowns għal 48 siegħa mingħajr ordni minn imħallef, jew l-indhul fir-relazzjoni bejn l-avukat u l-klijent permezz ta' l-interċezzjoni ta' telefonati.

Ir-riforma tal-leġislazzjoni kriminali tpoġġiet fil-periklu mid-deċizzjoni tal-Kumitat Legali tas-Senat f'Marzu 2007 li jressaq għall-vot tal-Plenum il-Kodiċi Kriminali li ġie adottat fl-2007 u sospiż fl-2005, minħabba l-inkompatibilità tiegħu man-normi tal-Proċedura u inkonsistenzi sostanzjali oħra identifikati mill-prattikanti. Kieku daħal fis-seħħ, il-Kodiċi ta' l-2004 kien jikkawża diffikultajiet sinifikanti għall-qrati kriminali u s-servizzi tal-prosekuzzjoni u jriskja serjament li jqiegħed is-sistema ġudizzjarja kriminali sħiħa f'sitwazzjoni fejn ma tkunx tista' taħdem. Il-Plenum tas-Senat iddeċieda tard f'Marzu li jibgħat il-Kodiċi Kriminali ta' l-2004 lura għand il-Kumitat Legali għal iktar deliberazzjoni. Dan għandu jippermetti dibattitu dwar il-proposta l-ġdida għall-Kodiċi Kriminali kif ukoll dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali. Ir-Rumanija tistenna li dan id-dibattitu pubbliku jseħħ sal-ħarifa ta' l-2007.

- Rappurtaġġ u sorveljanza tal-progress li sar fir-rigward ta' l-adozzjoni tal-Kodiċijiet il-ġodda inkluż konsultazzjonijiet adegwati u l-impatt li jkollhom fuq is-sistema ġudizzjarja

Is-sitwazzjoni hija differenti ħafna għaż-żewġ kodiċijiet tal-Proċedura. Il-proċess beda u miexi sewwa għall-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili iżda għadu jibda għall-ieħor minkejja li diġà sar xi progress. Il-kompożizzjoni tal-kummissjoni għall-abbozzar tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali ġiet iffinalizzata u approvata bl-Ordni tal-Ministeru tal-Ġustizzja nru. 1251/C tas-17 ta' Mejju 2007.

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili il-ġdid

Il-Kummissjoni għall-Abbozzar tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-Ġdid ġiet stabbilita fl-2006⁷. Il-Kummissjoni abbozzat madwar 250 artikolu (minn 7-800 artikolu b'kollox), li jikkonċernaw il-proċess fl-ewwel istanza. L-istruttura tal-kodiċi ġiet deċiża.

Ir-Rumanija tistenna li x-xogħol jiġi ffinalizzat sa tmiem Diċembru 2007. Wara l-approvazzjoni tal-gvern li għandha ssegwi dibattitu pubbliku, it-test se jintbagħat lill-Parlament. L-adozzjoni hija prevista sas-sajf ta' l-2008 u se jingħata *vacatio legis* ta' għallinqas 6 xhur.

Fir-rigward tal-ġurisdizzjoni tal-qrati l-ġodda, huwa previst dan li ġej: (1) il-qrati tal-prim'istanza se jkollhom ġurisdizzjoni limitata; (2) it-tribunali se jkollhom ġurisdizzjoni mħallta, fejn jaġixxu bħala qrati tal-prim'istanza fi kwistjonijiet speċifikati u bħala qrati ta' l-appell fuq l-appelli mressqa kontra d-deċiżjonijiet tal-qrati inferjuri; (3) il-qrati ta' appell għandhom jiddeċiedu dwar l-appelli kontra s-sentenzi tat-tribunali u għandhom jaġixxu bħala qrati tal-prim'istanza fi pretensjonijiet amministrattivi; (4) il-QGħKĠ se tiddeċiedi biss it-tieni appelli (*recurs*) kontra kull deċiżjoni li ssir fil-livell tat-tieni istanza. B'dan il-mod, il-QGħKĠ issir qorti reali tal-kassazzjoni, li tittratta biss kwistjonijiet legali. Huwa previst filtru strett ta' ammissibilità tal-kawżi biex ikun evitat li l-QGħKĠ tiġi mgħobbija żżejjed. Ir-Rumanija tistenna li l-Qorti Superjuri, peress li hija l-unika qorti fil-pajjiż bil-kompetenza li tiegħu deċiżjoni finali dwar kwistjonijiet legali, se tmexxi l-ġurisprudenza u se tikkontribwixxi sostanzjalment għall-unifikazzjoni tal-prassi.

⁷

Hija magħmula minn 21 membru. 11 minnhom huma persunal tad-Dipartiment għall-Abbozzar tat-Testi Normattivi, l-Istudju u d-Dokumentazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja; wieħed huwa Segretarju ta' l-Istat tal-Ministeru tal-Ġustizzja u disgħa huma professuri, avukati prattikanti u mħallfin. Saru ħafna kontributi mingħand imħallfin minn madwar il-pajjiż kollu. Il-Kummissjoni qassmet lilha nnifisha f'sottogruppi li qed jaħdmu fuq oqsma speċifiċi tal-kodiċi l-ġdid. Dawn is-sottogruppi jiltaqgħu għallinqas darba fil-ġimgħa.

Il-Kummissjoni għall-Abbozzar tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-ġdid qed tikkunsidra soluzzjoni għall-problema ta' l-eċċezzjonijiet dwar il-ksur tal-kostituzzjoni bħala mod kif jittawlu l-proċedimenti⁸. Is-soluzzjoni magħżula hija li meta l-partijiet iqajmu kwistjoni dwar il-kostituzzjonalità ta' liġi, li tkun rilevanti għall-kawża, il-mistoqsija tintbagħat lil-Qorti Kostituzzjonali iżda l-proċess tal-qorti jkompli. Jekk il-liġi tiġi ddikjarata li tmur kontra l-kostituzzjoni, il-parti kkonċernata għandha tiddepożita appell jew mozzjoni għal reviżjoni.

Il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali l-ġdid

Il-Kummissjoni għall-Abbozzar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali l-Ġdid beda xogħlu f'Jannar 2007.

Bħalissa, il-membri tal-Kummissjoni⁹ qed jaħdmu fuq it-tfassil tal-Kodiċi l-ġdid. Huma ħejjew xi abbozzi ta' l-iskema iżda l-verżjoni finali mhijiex lesta.

Il-proċedura kriminali l-ġdida se tibqa' primarjament avversarjali. Għal reati serji u tal-livell mezzan, il-prosekuzzjonijiet se jkunu mandatorji filwaqt li għal offiżi żgħir il-prosekutur se jingħata s-setgħa diskrezzjonarja biex ma jharrikkx.

S'issa l-Kummissjoni ma kellhiex kuntatt mill-Kummissjoni ta' l-Abbozzar l-oħra sabiex tiffaċilita s-soluzzjoni f'waqtha ta' pożizzjonijiet potenzjalment diverġenti dwar prinċipji komuni bħal eċċezzjonijiet dwar il-ksur tal-kostituzzjoni.

- Titjib il-kapaċità tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura li jwettaq ir-responsabbiltajiet ewlenin tiegħu kif ukoll ir-responsabbiltà tiegħu. Partikolarment, l-indirizzar tal-kunflitti potenzjali ta' interess u l-azzjonijiet kontra l-etika minn membri individwali tal-Kunsill. Reklutaġġ ta' spetturi ġudizzjarji, skond il-kriterji oġġettivi li ġew adottati dan l-aħħar, li għandhom ikollhom ukoll rappreżentazzjoni reġjonali ikbar

Il-kapaċità amministrattiva tal-KSM biex iwettaq il-kompetenzi tiegħu skond il-liġi issa nkisbet għal kollox. Il-Kunsill jopera koerentement fl-oqsma kollha tar-responsabbiltà tiegħu u jimpjega sistema ta' Gruppi ta' Ħidma, taħt il-koordinazzjoni ta' membru permanenti wieħed tal-Kunsill, għas-sorveljanza u l-implimentazzjoni f'kull qasam rispettiv. It-tim ta' tmexxija l-ġdid tal-KSM, elett f'Jannar 2007, impenja ruħu għal relazzjoni funzjonali mal-Ministeru tal-Ġustizzja

⁸ Meta titqajjem eċċezzjoni dwar il-ksur tal-kostituzzjoni, il-qorti tkun permessa biss tivverifika jekk il-liġi kkuntestata hijiex rilevanti fil-kawża. Jekk ikun hekk, il-qorti għandha tgħaddi l-fajl lill-Qorti Kostituzzjonali u l-proċess ewlieni tal-qorti għandu jiġi sospiż awtomatikament. Għalhekk, eċċezzjonijiet kompletament mingħajr bażi wkoll jistgħu jikkawżaw dewmien sostanzjali, minħabba li l-Qorti Kostituzzjonali hija mgħobbija wisq.

⁹ Inizjalment il-Kummissjoni kienet magħmula minn ħames membri, iżda issa għandha 17-il membru. Skond l-Ordni tal-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Mejju 2007, minn dawk is-17-il membru, hemm segretarju ta' l-istat fil-Ministeru tal-Ġustizzja, tliet professuri tal-liġi, erba' mħallfin (wieħed mill-QGħKĠ, tnejn minn qrati ta' l-appell u wieħed minn tribunali), żewġ prosekuturi (wieħed mid-DNK u wieħed minn uffiċċju ta' prosekutur marbut ma' qorti ta' l-appell), prokuratur, espert mill-Kunsill Legiżlatti, assistent akkademiku u erba' konsulenti legali mid-Dipartiment Leġiżlattiv fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja. Fil-bidu kienu jiltaqgħu darbtejn fix-xahar iżda r-Rumanija rrapportat li, mit-23 ta' Mejju, il-Kummissjoni qiegħda taħdem fuq bażi permanenti u tiltaqa' kuljum,

u awtoritajiet statali oħrajn kif ukoll għal involviment ikbar mal-KSM f'dawk id-dibattiti leġislattivi li jikkonċernaw is-sistema ġudizzjarja.

Ir-responsabbiltà u l-istandards etiċi tal-Kunsill u l-membri individwali tiegħu għadhom kwistjonijiet ta' tħassib. L-istess japplika għall-kunflitt ta' interessi potenzjali tal-membri tal-KSM. Il-liġi tippermetti lill-membri attwali tal-Kunsill li jagħżlu bejn li jkunu permanenti u li jeżerċitaw il-funzjoni ta' membru tal-Kunsill u dak tat-tmexxija f'qorti jew uffiċċju ta' prosekutur fl-istess hin¹⁰. Barra minn hekk, fi kwistjonijiet bħall-istandards etiċi għal membri individwali jew il-kunflitti ta' interessi potenzjali, il-Kunsill konsistentement adotta pożizzjoni formalistika fejn ma jistax ikun hemm preżunzjoni ta' nuqqas ta' integrità għall-membri tal-KSM u li allegazzjonijiet ta' mġiba kontra l-etika jiġu ttrattati każ każ.

Fir-rigward tar-reklutaġġ ta' spetturi ġudizzjarji, il-Kunsill uża proċedura definita sew u oġġettiva fis-sensjoni kollha riċenti ta' reklutaġġ tiegħu. Il-KSM żamm f'moħħu wkoll ir-rappreżentazzjoni ġeografika fost l-ispetturi rreklutatati dan l-aħħar, u b'hekk kisser il-monopolju li l-maġistrati minn qradi / uffiċċji tal-prosekuturi f'Bukarest kellhom sa f'tit ilu.

3.2.2. *Kriterju 2: It-twaqqif, kif previst, ta' aġenzija ta' integrità bir-responsabbiltajiet għall-verifika ta' l-assi, l-inkompatibilitajiet u l-kunflitti potenzjali ta' interess, u għat-teħid ta' deċiżjonijiet mandatorji li fuq il-bażi tagħhom għandhom jittieħdu sanzjonijiet dissważivi*

Il-liġi ta' l-Aġenzija Nazzjonali ta' l-Integrità emendata mill-ordinanza governattiva ta' emerġenza tintitola l-aġenzija tivverifika l-assi, l-inkompatibilitajiet u l-kunflitti potenzjali ta' interess ta' għadd kbir ta' uffiċjali għolja pubbliċi u eletti. Tipprovdi wkoll għat-teħid ta' deċiżjonijiet mandatorji li fuq il-bażi tagħhom jistgħu jittieħdu sanzjonijiet dissważivi. L-aġenzija mistennija tibda taħdem minn Ottubru 2007.

It-tħassibiet legali fir-rigward ta' l-indipendenza ta' l-aġenzija u l-effettività tas-setgħat tagħha li tinvestiga u timponi sanzjonijiet dissważivi huma mnaqqsa parzjalment biss mill-emendi imposti mill-ordinanza governattiva ta' emerġenza. Din l-ordinanza tibqa' fis-seħħ biss sakemm tkun ikkonfermata jew mibdula mill-Parlament.

Ir-Rumanija għamlet progress sostanzjali fl-ilħiq ta' dan il-kriterju. Madankollu, għadu kmieni wisq biex tiġi vvalutata l-effettività ta' l-Aġenzija fl-ilħiq ta' l-għanijiet tagħha qabel ma tkun ġiet stabbilita u tkun akkwistat esperjenza fil-qasam.

Valutazzjoni fid-Dettall

- Adozzjoni ta' leġislazzjoni li tistabbilixxi aġenzija ta' integrità effettiva u indipendenti bir-responsabbiltajiet għall-verifika ta' l-assi, l-inkompatibilitajiet u l-kunflitti potenzjali ta' interess, u għat-teħid ta' deċiżjonijiet mandatorji li fuq il-bażi tagħhom għandhom jittieħdu sanzjonijiet dissważivi

¹⁰ Seba' membri tal-KSM diġà għażlu attività permanenti; il-president tal-KSM għandu attività permanenti *de jure* matul is-sena tal-mandat tat-tmexxija.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja abbozza l-liġi dwar it-twaqqif ta' l-Aġenzija Nazzjonali ta' l-Integrità (ANI) bil-ġurisdizzjoni fuq il-verifika ta' l-assi, l-inkompatibilitajiet u l-kunflitti ta' interess potenzjali.

L-abbozz tal-liġi ġie approvat mill-Gvern, f'Lulju 2006, u adottat finalment mis-Senat Rumen f'Mejju 2007¹¹.

Skond il-liġi, il-President u l-Viċi Presidenti ta' l-aġenzija għandhom jinħatru mis-Senat, fuq proposta tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Integrità, għal mandat ta' erba' snin, wara kompetizzjoni/eżami¹². Fuq proposta tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Integrità, il-President u l-Viċi Presidenti jitneħħew mill-kariga mis-Senat ukoll.

L-ANI iwettaq attivitajiet ta' verifika dwar is-sitwazzjoni finanzjarja, il-kunflitt ta' interessi u l-inkompatibilitajiet¹³.

Il-liġi tipprovdi għal verifika esterna independenti kull sena, iffinanzjata mill-baġit tagħha stess. Id-dinjitarji u l-uffiċjali pubbliċi kollha mil-livell nazzjonali u ċentrali għandhom l-obbligu li jressqu dikjarazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-interessi tagħhom¹⁴.

L-ispettur ta' l-integrità għandu jipproċedi bil-kontroll tas-sitwazzjoni finanzjarja, il-verifika tal-kunflitti ta' l-interessi jew l-inkompatibilitajiet, *ex officio*, jew fuq talba ta' parti interessata, f'konformità mar-rekwiżiti pprovduti mil-liġi. Il-bidu ta' proċedura ta' kontroll għandha tiġi nnotifikata lill-persuna soġġetta għall-verifika li għandha d-dritt tiġi meġġuna jew irrappreżentata minn avukat.

Sabiex tħares id-dinjitarji u l-uffiċjali pubbliċi minn azzjonijiet abużivi, il-liġi tipprovdi għal sanzjoni ta' ħabs għal persuni li jagħmlu dikjarazzjonijiet foloz.

L-ispettur ta' l-integrità għandu jinnotifika l-qorti jekk, fuq l-evidenza disponibbli, ikun hemm differenza notevoli bejn il-ġid attwali tal-persuna u l-ġid iddikjarat, liema differenza ma tistax tiġi ġġustifikata b'mod raġonevoli¹⁵. F'dan il-każ, il-

¹¹ Il-Liġi nru 144 tal-25 ta' Mejju 2007 dwar l-istabbiliment, l-organizzazzjoni u l-funzjonament ta' l-Aġenzija Nazzjonali ta' Integrità kif ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Rumanija, il-Parti I, nru 359 tal-25 ta' Mejju 2007.

¹² Il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Integrità huwa entità mingħajr personalità ġuridika li ma taħdimx fuq bażi permanenti, bil-persunal jikkonsisti frappreżentanti tal-Gvern, senaturi u membri tal-Kamra tad-Deputati, rappreżentanti ta' l-assoċjazzjonijiet tal-maġistrati u tal-mexxejja eletti ta' l-entitajiet lokali ta' l-amministrazzjoni pubblika, ta' l-uffiċjali pubbliċi u tas-soċjetà ċivili. Il-Kunsill iressaq rapport annwali dwar l-attività ta' l-Aġenzija quddiem is-Senat.

¹³ Matul l-attività ta' investigazzjoni tagħhom, l-ispetturi ta' l-integrità jistgħu jordnaw is-smiġh tax-xhieda, perizji u jistgħu jitolbu d-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-abbozzar ta' l-att ta' aċċertament mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet pubbliċi kollha involuti, kif ukoll minn entitajiet legali pubbliċi u privati oħrajn.

¹⁴ Jekk jonqsu milli jipubblikaw id-dikjarazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja jew l-interess, dawn jeħlu multa kif ipprovdut bil-liġi l-istess bħal meta jonqsu milli jibagħtu d-dikjarazzjoni jew jekk ma jibagħtuhx fil-ħin. It-tressiq ta' dikjarazzjonijiet foloz dwar is-sitwazzjoni finanzjarja jew l-interessi jitqies bħala reat u wieħed jista' jeħel il-ħabs.

¹⁵ Id-differenza notevoli hija definita skond il-liġi bħala d-differenza bejn il-ġid eżistenti u d-dħul akkwistat li tkun oġġa minn 10% iżda mhux inqas mill-ekwivalenti f'lei ta' 20 000 Euro. Ordinanza Governattiva ta' Emerġenza li temenda u tissupplimenta l-Liġi nru 144/2007 dwar l-istabbiliment, l-organizzazzjoni u t-tħaddim ta' l-Aġenzija Nazzjonali ta' l-Integrità (GEO nru 49/01/06/2007) biddlet l-

qorti tista' tordna l-konfiska ta' parti mill-ġid jew ta' ċerta assi. Jekk il-qorti, permezz ta' deċiżjoni definittiva u irrevokabbli, tiddikjara li l-ġid għe akkwistat b'mod illegali u tordna l-miżura ta' konfiska, il-liġi tipprovdi s-sanzjoni li l-persuna titneħħha mill-kariga u tiġi pprojbita mill-eżerċizzju ta' pożizzjoni għolja jew pubblika għal perjodu ta' 3 snin wara t-tneħħija mill-kariga, ħlief għal dawk li jikkupaw karigi eletti. Id-deċiżjoni definittiva u irrevokabbli li tiddikjara kunflitt ta' interessi għandha titressaq lill-kummissjonijiet dixxiplinarji jew, skond il-każ, lill-awtoritajiet, għas-sanzjoni dixxiplinarja ta' dik il-persuna jew għat-tneħħija tagħha mill-kariga.

Ġew espressi bosta tħassibiet dwar l-aħħar verżjoni ta' l-ANI, u partikolarment:

- Oriġinarjament, l-għan ta' l-abbozz kien li titwaqqaf Aġenzija li tkun kapaċi tivverifika u tiegħu azzjoni f'qasam mhux kopert minn ebda istituzzjoni oħra fir-Rumanija – ġid li ma jistax jiġi ġustifikat mid-dħul finanzjarju tal-persuna vverifikata. Madankollu, il-forma adottata żżomm il-kunċett ta' ġid "illaċitu" minflok ġid "mhux ġustifikat". Il-ġid illeċitu jista' jiġi kkonfiskat iżda jeħtieġ li jiġi ppruvat minn qabel li jirriżulta minn azzjoni illegali/illeġittima. Dan il-qasam, madankollu, diġà huwa kopert mill-prosekuturi/pulizija (għal atti kriminali) u l-awtoritajiet fiskali, il-pulizija, eċċ. (offiċja, ċivili) u, min-naħa l-oħra, jista' jkun hemm għadd konsiderevoli ta' każijiet fejn, minkejja li l-assi mhux ġustifikabbli jisbqu d-dħul finanzjarju, l-atti "illegali" ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati.
- Il-persentaġġ li jiddefinixxi "d-differenza notevoli" bejn il-ġid fil-pussess tal-persuna u dak iddikjarat, li fuqha l-ispettur ta' l-integrità għandu jinnotifika l-qorti (għallinqas 10% iżda mhux inqas mill-ekwivalenti f'lei ta' 20 000 Euro¹⁶) tidher partikolarment għolja meta mqabbla mat-2% li kienet proposta oriġinarjament.

F'xi aspetti ta' dawk iż-żewġ punti, il-GEO nru 49/01/06/2007, li daħlet fis-seħħ f'Ġunju 2007, jagħmel xi bidliet pożittivi. Partikolarment, huwa jibdel "ġid illeċitu" b' "ġid mhux ġustifikat". Jippermetti wkoll li jinbnew investigazzjonijiet meta tinstab diskrepanza ta' 10 000 Euro bejn il-ġid u d-dħul.

Madankollu, dan il-GEO għada trid tiġi kkonfermata mill-Parlament biex tibqa' fis-seħħ b'mod sostenibbli¹⁷.

Il-funzjonament effettiv ta' l-aġenzija għadu jrid jiġi evalwat.

- L-istabbiliment Aġenzija Nazzjonali ta' l-Integrità bħal din, l-iżgurar li għandha r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa biex twettaq il-mandat tagħha

ammont li jagħri bidu għall-proċess ta' kontroll tas-sitwazzjoni finanzjarja għall-ekwivalenti f'lei ta' 10 000 Euro. Ir-Rumanija tistenna li dan il-GEO jiġi vvalidat mill-Parlament.

¹⁶

L-ekwivalenti f'lei ta' 10 000 Euro skond il-GEO.

¹⁷

Il-Kumitat legali approva l-GEO fit-13 ta' Ġunju, li għadha trid jiġi approvata finalment mill-Parlament.

Din il-parti tal-Kriterju ma tistax tiġi evalwata qabel l-implimentazzjoni effettiva ta' l-ANI li għadha kif twaqqfet.

3.2.3. *Kriterju 3: L-issuktat ta' progress li sar diġà, it-tkomplija ta' investigazzjonijiet professjonali u mhux partiġġjani ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli*

Kien hemm progress kontinwu fil-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli. Is-servizzi speċjalizzati tal-prosekuzzjoni għall-korruzzjoni (Dipartiment Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni - DNK) ġie stabbilit madwar il-pajjiż u juri esperjenza pożittiva fir-rigward ta' investigazzjonijiet u akkużi għal korruzzjoni f'livell għoli. Dan jinkludi każijiet bi profil għoli bl-akkuża ta' persunaġġi pubbliċi magħrufa u influwenti. Madankollu, is-severità fil-prosekuzzjoni mhijiex riflessa mid-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Id-data pprovduta dwar is-sentenzi turi li l-penalitajiet ġeneralment ma jkunux dissważivi u li hemm għadd għoli ħafna ta' sospensjonijiet ta' dawn il-penalitajiet f'każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli. Irraġunijiet wara dawn is-sospensjonijiet, inkluż l-għarfien u l-attitudnijiet fost l-imħallfin lejn sentenzi dissważivi ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli jeħtieġ jiġu ċċarati. Dan jimmina l-progress riċenti fl-investigazzjoni u jaffettwa negattivament il-perċezzjoni pubblika ta' l-impenn politiku li tiġi indirizzata l-korruzzjoni. Barra minn hekk, sensiela ta' avvenimenti riċenti jista' jkollhom impatti negattivi fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Dawn jinkludu d-dikriminalizzazzjoni tal-frodi bankarji, il-ħsieb tal-parlament li jqassar it-tul massimu ta' l-investigazzjonijiet penali u t-talba għat-tkeċċija ta' membru għoli tad-DNK.

Kollox ma' kollox, il-progress fit-trattament ġudizzjarju tal-korruzzjoni f'livell għoli għadu mhux biżżejjed.

Valutazzjoni fid-Dettall

- *L-issuktat ta' investigazzjonijiet professjonali u mhux partiġġjani ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli L-iżgurar ta' l-istabbiltà legali u istituzzjonali tal-qafas kontra l-korruzzjoni, partikolarment biż-żamma tal-proċedura attwali tan-nomina u r-revoka għall-Prosekutur Ġenerali tar-Rumanija, il-Prosekutur Ewlieni tad-Direttorat Nazzjonali għal Kontra l-Korruzzjoni u pożizzjonijiet ewlenin oħra fl-uffiċċju tal-prosekutur ġenerali*

F'Marzu 2006, il-Parlament Rumen irratifika l-liġi nru 54/06 li rristawrat il-kompetenza tad-“Dipartiment Nazzjonali għal Kontra l-Korruzzjoni” li jinvestiga l-każijiet kollha ta' korruzzjoni f'livell għoli. L-uffiċċju issa jissejjaħ id-Direttorat Nazzjonali għal Kontra l-Korruzzjoni (DNK). Huwa stabbilit bħala entità legali fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-QGħKĠ. Il-Prosekutur Ġenerali ta' l-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-QGħKĠ jidderieġi d-DNK permezz tal-Prosekutur Ewlieni tal-kwistjoni. Id-DNK għandu baġit u persunal għalih.

L-impenn u l-kapaċità tad-DNK fil-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli baqgħu stabbli. L-għadd u l-profil ta' l-investigazzjonijiet ġodda mibdiya mid-DNK f'dan il-perjodu kkontribwew lejn għadd ta' investigazzjonijiet mhux partiġġjani ta' korruzzjoni f'livell għoli.

L-oqsfa ta' żmien li fihom id-DNK iwettaq u jikkonkludi l-investigazzjonijiet tiegħu jkomplu juri l-livell għoli ta' professjonaliżmu fit-timijiet multidixxiplinarji tad-Dipartiment. Ġew ippreżentati 84 akkuża minn Settembru 2006, li jikkonċernaw 195 akkużat. Matul l-istess perjodu, il-qrati taw 47 kundanna mhux finali fi proċessi ta' korruzzjoni, kif ukoll 33 kundanna finali. Tliet każijiet intemmu bil-liberazzjoni ta' l-akkużat.

Madankollu, l-isforzi u r-riżultati tad-DNK fil-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni f'livell għoli mhumiex sostnuti minn riżultat simili mis-sistema tal-qrati. Hemm bosta elementi fil-prassi tal-qrati li jindikaw jew nuqqas ta' konossenza dwar il-fenomeni tal-korruzzjoni jew nuqqas ta' taħriġ/għarfien.

L-ewwelnett, is-sentenzi mogħtija mill-qrati fil-każijiet tal-korruzzjoni m'għandhomx effett dissuważiv u ma jissodisfawx il-funzjoni preventiva tagħhom. B'tul medju ta' sena jew sentejn ħabs għal sentenza ta' offiża ta' korruzzjoni u l-maġġoranza kbira tal-kundanni jkollhom l-eżekuzzjoni sospiża kondizzjonalment, il-qrati qed jonqsu milli juru li jifhem r-rwol essenzjali tagħhom fl-isforzi għat-trażżin tal-korruzzjoni fir-Rumanija.

It-tieni, fil-każijiet l-iktar importanti ta' korruzzjoni investigati mid-DNK u miġjuba quddiem il-qorti fl-aħħar sitt xhur, il-qrati ssospendew il-proċedimenti u rrinvijaw il-kawżi lill-Qorti Kostituzzjonali għas-sentenza tagħha dwar bosta ilmenti ta' ksur tal-kostituzzjoni mressqa mid-difiża. Filwaqt li huma proċeduralment korretti, jistgħu jitqajmu dubji dwar it-tendenza tal-qrati li jirrinvijaw kawżi lil livell ogħla ta' ġurisdizzjoni minflok ma jindirizzawhom f'livell iktar baxx. Konsegwentement, il-proċessi ta' żewġ ex-politiċi ta' livell għoli, li t-tnejn kienu rikonoxxuti dak iż-żmien bħala sinjal konvinċenti ta' l-impenn lejn l-investigazzjoni tal-korruzzjoni f'livell għoli fir-Rumanija, issa tħallew pendent għat-tul ta' proċedura ta' verifika kostituzzjonali li tista' tiegħu 'l fuq minn sena.

Fir-rigward tal-proċeduri tan-nomina u r-revoka, it-tluq jew is-sostituzzjoni bikrija ta' uffiċjali b'pożizzjonijiet ewlenin fil-proċess ta' riforma jista' jkun ta' ħsara għall-kontinwità tal-proċess ta' riforma. Fir-rigward tal-proċedura tan-nomina u r-revoka tal-Prosekutur Ġenerali u l-Prosekutur Ewlieni tad-DNK, id-deċiżjoni tal-Kumitat Legali tas-Senat li jattiva proposta eqdem li ilha pendent fis-Senat mill-2006 treġġgħet lura mill-Plenum tard f'Marzu 2007. Wieħed għad irid jara jekk l-intenzjoni li tiġi mmodifikata l-proċedura tan-nomina tiġix abbandunata għal kollox. L-għadd ta' bidliet fil-persunal f'dawn l-aħħar xhur mhuwiex rassikuranti f'dak ir-rigward. Eżempji ta' dan huma t-tluq ta' persunaġġi tal-GAD u n-nomina għat-tkeċċija ta' mexxejja tad-DNK u l-NIM¹⁸. Barra minn hekk, bosta uffiċjali għolja tal-Ministeru tal-Ġustizzja rriżenjaw.

¹⁸ Is-CSM madankollu, avżat li ebda waħda mill-proposti għat-tkeċċija m'hija bbażata fuq biżżejjed raġunijiet; għaldaqstant iż-żewġ rikjesti huma pendent sakemm tinġabar iktar evidenza.

Barra minn hekk, tħassib ieħor marbut mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni huwa l-emendi potenzjali tal-Kodiċi tal-Proċedura, li bħalissa qed jiġu diskussi fil-Parlament. Dan jista' jkollu impatt negattiv sostanzjali fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni partikolarment b'referenza għat-tliet kwistjonijiet li ġejjin: (1) Minkejja t-tħassib espress, l-abolizzjoni tal-possibilità għall-Prosekutur Pubbliku li jawtorizza interċezzjoni proviżorja mmotivata kif xieraq għal każijiet urġenti anki permezz ta' awtorizzazzjoni ta' l-imhallett hija metħieġa – *f'kull każ*- fi żmien it-48 siegħa ta' wara; (2) il-limitazzjoni ta' l-investigazzjoni sa perjodu massimu ta' sitt xhur; (3) il-limitazzjoni ta' l-ittappjar sa perjodu massimu ta' 120 jum; Dawn l-emendi jistgħu jillimitaw serjament il-potenzjal ta' l-investigaturi fil-ġbir ta' l-evidenza, partikolarment huma u jindirizzaw gruppi kriminali stabbiliti jew rappreżentanti tal-gvern b'setgħa kbira li jkunu involuti ħafna fil-korruzzjoni.

Fl-aħħarnett, għaddiet liġi ġdida tard f'Marzu 2007¹⁹, li tiddikriminalizza ċerti aspetti tal-frodi bankarji li preċedentement kienu taħt il-ġurisdizzjoni tad-DNK²⁰ u li tqiegħed fil-periklu l-istabilità legali tal-qafas għal kontra l-korruzzjoni. Jekk il-liġi tiġi applikata retroattivament, li hekk jidher li se jkun il-każ, id-dikriminalizzazzjoni tapplika għal uffiċjali tal-bank li jkunu rċevew somom ta' flus għall-ġhoti ta' self dubjuż u illeġittimu. Dan iwassal għax-xoljiment ta' bosta każijiet pendenti mid-DNK²¹.

3.2.4. *Kriterju 4: It-teħid ta' iktar miżuri biex tipprevjeni u tiġġieled il-korruzzjoni, partikolarment ġewwa l-gvern lokali*

Ir-Rumanija għamlet progress bi proġetti prominenti biex jitqajjem l-għarfien pubbliku dwar il-korruzzjoni bħall-*helpline* “aħdar” għal kontra l-korruzzjoni u ċ-Ċentru Nazzjonali ta' l-Integrità, entità konsultattiva pubblika u indipendenti fuq il-korruzzjoni mmexxija f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, ir-Rumanija organizzat għadd ta' kampanji għall-għarfien dwar il-korruzzjoni għall-pubbliku ġenerali, il-ġudikatura u l-uffiċjali pubbliċi f'setturi differenti ta' attività. Id-Direttorat Ġenerali għal Kontra l-Korruzzjoni tal-Ministeru ta' l-Amministrazzjoni u l-Intern (GAD) ħa għadd ta' miżuri pro-attivi bħal testijiet ta' l-integrità u spezzjonijiet. Ġew organizzati programmi ta' taħriġ għal uffiċjali pubbliċi u ġew stabbiliti miżuri preventivi f'oqsma bħas-saħħa u l-edukazzjoni. Madankollu, għad m'hemmx strateġija lokali komprensiva għal kontra l-korruzzjoni bbażata fuq evalwazzjonijiet tar-riskju li timmira għall-iktar setturi vulnerabbli u l-amministrazzjoni lokali. Id-disseminazzjoni ta' l-attivitajiet sperimentali li kellhom suċċess għadha ma ġietx irrappurtata. Barra minn hekk, għad hemm tħassib dwar it-tkomplija ta' l-appoġġ politiku għal proġetti importanti bi profil għoli bħaċ-Ċentru Nazzjonali ta' l-Integrità.

Kollox ma' kollox, inkiseb xi progress fir-rigward ta' dan il-kriterju.

¹⁹ Il-Liġi 69/2007 tas-26 ta' Marzu 2007, li timmodifika l-Liġi 78/2000 (il-Liġi għall-Prevenzjoni u l-Investigazzjoni tal-Korruzzjoni).

²⁰ Il-liġi tiddikriminalizza l-ġhoti ta' self li jmur kontra l-politiki tal-bank u l-użu ta' self għal skopijiet li ma jkunux iddikjarati fl-applikazzjoni għas-self (għajr self li jinvolvi fondi pubbliċi). Dawn l-offiżi kienu tqiegħdu oriġinarjament taħt il-ġurisdizzjoni tad-DNK minħabba r-relazzjoni tagħhom mal-korruzzjoni u minħabba l-impatt negattiv tal-frodi bankarji fuq il-banek Rumani.

²¹ Bħalissa hemm 52 każ potenzjalment ikkonċernati u madwar għadd indaqs ta' każijiet fid-DNK li mhumix se jibqgħu investigazzjonijiet kriminali.

- *Evalwazzjoni tar-riżultati tal-kampanji għat-tqajjim ta' l-għarfien li ġew konklużi dan l-aħħar u, jekk ikun hemm bżonn, propostita' attivitajiet ta' segwitu li jiffukaw fuq setturi b'riskju għoli ta' korruzzjoni*

Kien hemm bosta kampanji kontra l-korruzzjoni mibdija fl-2006 u li tkomplew fl-2007. Il-kampanji ta' għarfien u informazzjoni mmexxija mill-GAD ipproduċew riżultati tanġibbli. Bejn Settembru 2006 u Marzu 2007, il-*helpline* aħdar (TElVERDE) tal-GAD irreġistra 6 237 telefonata u messaġġi. Ukoll, matul dan il-perjodu, il-GAD ressaq 142 investigazzjoni kriminali lid-DNK, li min-naħa tagħha ressqet akkużi fi 17-il każ li oriġinaw minn din l-unità. Il-Ministeru tal-Ġustizzja nieda kampanja oħra ta' għarfien, li timmira għal kemm il-benefiċjarji tas-sistema ġudizzjarja kif ukoll għall-persunal tagħha (“ixxaħħamx u tixxaħħamx”). Il-kampanja għadha għaddejna u għadu ma sarx kejl s'issa ta' l-impatt li kellha fuq il-gruppi fil-mira.

- *Rappurtaġġ dwar l-użu ta' miżuri għat-tnaqqis ta' l-opportunitajiet ta' korruzzjoni u biex il-gvern lokali jsir iktar trasparenti, kif ukoll dwar is-sanzjonijiet meħuda kontra uffiċjali pubbliċi, partikolarment dawk fil-gvern lokali*

Fir-rigward ta' l-użu ta' miżuri għat-tnaqqis ta' l-opportunitajiet tal-korruzzjoni u ż-żieda tat-trasparenza tal-gvern lokali, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Ħaddiema taċ-Ċivil (ANHĊ) hija l-benefiċjarju ta' proġett ta' ġemellaġġ sostanzjali taħt il-PHARE mibdi f'Diċembru 2006, li qed jgħin lill-Aġenzija biex tiddefinixxi mill-ġdid il-politiki u l-prassi fir-rigward tar-riżorsi umani. Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' dan il-proġett huwa li tittejjeb it-trasparenza u l-integrità tal-ħaddiema taċ-ċivil fit-twettiq tal-kariga pubblika.

Il-GAD irrapporta fi tmiem Jannar 2007 dwar miżuri użati mill-unità għall-prevenzjoni u l-ġlieda tal-korruzzjoni fi ħdan il-Ministeru ta' l-Intern u s-servizzi tiegħu. Għall-Pulizija fuq il-Fruntiera biss, li kienu l-prijorità ewlenija tal-GAD fl-2006, l-unità wettqet iktar minn 6 000 test ta' l-integrità, operazzjonijiet bil-moħbi u spezzjonijiet għall-għarrieda, li wasslu biex l-ogħla għadd ta' uffiċjali tal-fruntiera jirrapportaw attentati ta' korruzzjoni (60% ogħla mill-2005). Kien hemm 67 każ ta' attentat ta' tixħim irrapportat mill-uffiċjali tal-pulizija tal-fruntiera lill-GAD, u l-ogħla ammont ta' flus offrut bħala tixħima u rriġjutat minn uffiċjal kien ta' 5 000 Euro (każ ta' kuntrabandu tas-sigaretti fuq il-fruntiera tar-Rumanija ma' l-Ukraina).

Il-GAD ħa sehem ukoll f'kampanja preventiva konsistenti, kemm permezz ta' attivitajiet mal-persunal tal-Ministeru ta' l-Intern, kif ukoll fi sħubija mas-soċjetà ċivili billi pprova jinvolvi sezzjonijiet varji mill-pubbliku ġenerali (bħall-organizzazzjonijiet ta' l-istudenti) fl-isforzi ta' l-istituzzjonijiet pubbliċi għar-riforma ta' l-amministrazzjoni u l-persunal tagħhom.

Sa fejn għandhom x'jaqsmu l-frodi fil-fondi ta' l-UE, id-Dipartiment għall-Ġlieda kontra l-Frodi (DLAF) irrapporta 13-il każ ġdid li nbdew f'Jannar 2007. L-għadd totali ta' każijiet li qed jiġu investigati mid-DLAF bejn l-1 ta' Settembru 2006 u l-15 ta' Marzu 2007 huwa 84 u 63 każ infetħu matul il-perjodu ta' referenza. 22 fajl

tressqu għand in-NAD fuq il-bażi tal-ftehim ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, u 17 tressqu quddiem l-uffiċċji tal-prosekuturi regolari.

Huwa diffiċli li wieħed jevalwa r-riżultati konkreti tal-miżuri preventivi adottati mill-istituzzjonijiet pubbliċi fin-nuqqas ta' strumenti analitiċi inkorporati fil-kampanji ta' għarfien/informazzjoni li twettqu s'issa. Kampanja komprensiva kontra l-korruzzjoni, iffinanzjata minn proġett taħt il-PHARE ta' l-2004, mgħammra bl-elementi kunċettwali kollha biex tipprovdi riflessjoni tajba ta' fejn l-amministrazzjoni ċentrali u lokali tinsab fil-prevenzjoni u l-għieda tal-korruzzjoni qiegħda biss fil-fażi tal-bidu u se titwettaq tul l-2007.

Mill-istituzzjonijiet ċentrali u lokali, il-GAD tal-Ministeru ta' l-Amministrazzjoni u l-Intern jidher li huwa l-istruttura ċentrali tal-għieda kontra l-korruzzjoni.

4. ATTIVITAJIET TA' SEGWITU TAL-MEKKANIŻMU TA' KOOPERAZZJONI U VERIFIKA

Fir-rigward tar-riforma ġudizzjarja u l-għieda kontra l-korruzzjoni, ir-Rumanija għandha tkompli timxi lejn l-ilħiq tal-kriterji u partikolarment,

- Tiffinalizza l-adozzjoni tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, tkompli l-proċess ta' l-adozzjoni tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali u ssaħħaħ il-Kodiċi Kriminali l-Ġdid.
- Issolvi l-problemi attwali tal-persunal u ta' organizzazzjoni tas-sistema tal-qrati Rumani u tiegħu azzjoni ta' segwitu fuq ir-riżultati ta' l-istudji u l-proġetti sperimentali biex jiġu stabbiliti indikaturi ta' rendiment għall-ġudikatura.
- Turi l-effettività ta' l-Aġenzija Nazzjonali ta' l-Integrità.
- Tiżgura l-istabilità legali u istituzzjonali tal-qafas ta' kontra l-korruzzjoni inkluż l-istituzzjonijiet ewlenin bħad-DNK u tippromwovi d-deċiżjonijiet dissważivi fil-każijiet ta' korruzzjoni fl-ivell għoli. Miżuri dissważivi iktar qawwija bħall-issikkar tal-kundizzjonijiet legali għall-applikazzjoni tas-sospensjoni kondizzjonali ta' l-eżekuzzjoni tal-penali u t-taħriġ korrispondenti tal-ġudikatura għandhom jiġu żviluppati.
- Tistabbilixxi strateġija koerenti kontra l-korruzzjoni għall-pajjiż kollu li timmira għall-iktar setturi vulnerabbli u l-amministrazzjoni lokali u tissorvelja l-implimentazzjoni tagħha.
- Sabiex jinkiseb dan ta' hawn fuq, issaħħaħ il-kapaċità tal-ġudikatura fil-livelli kollha inkluż il-professjonaliżmu, l-indipendenza, ir-riżorsi u s-setgħat.

Il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika se jkompli jintuża biex jimmonitorja l-progress fir-Rumanija. Sabiex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-verifika, ikun utli jekk l-awtoritajiet Rumani jħejju pjan ta' azzjoni, bl-istadji ewlenin li għandhom jintlaħqu, sa Ottubru 2007 li juri kif ir-Rumanija biħsiebha tilħaq il-kriterji. Il-pjan għandu jkun ibbażat fuq strateġija koerenti fil-għieda tal-korruzzjoni fil-livelli kollha u pjan kredibbli għat-tisħiħ tal-professjonaliżmu, l-indipendenza, is-setgħat u r-riżorsi tal-ġudikatura. Huwa importanti li l-awtoritajiet Rumani jkattru djalogu

miftuħ mar-Rumeni billi jsaħħu t-trasparenza tar-riformi mwettqa skond il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika, inkluż dwar il-korruzzjoni. Impenn politiku kontinwu għar-riforma tal-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni huwa essenjali.

4.1. Appoġġ

Ir-Rumanija se tkun meġhjuna fl-isforzi tagħha biex tirriforma s-sistema ġudizzjarja u tiġġieled il-korruzzjoni. Dan se jinvolvi li l-fondi tal-KE jiġu ffukati u mmirati taħt il-programmi differenti disponibbli għar-Rumanija fuq l-appoġġ għall-bini ta' l-istituzzjonijiet u programmi ta' taħriġ marbuta mar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-Istati Membri l-oħra biex iżidu l-ġhajnuna u l-appoġġ prattiku siewi tagħhom lir-Rumanija billi jikkooperaw ma' l-awtoritajiet Rumeni f'timijiet investigattivi konġunti fuq il-korruzzjoni, il-qsim ta' intelliġenza finanzjarja u metodoloġiji ma' l-awtoritajiet rilevanti, is-sekondar ta' esperti u konsulenti lill-ministeri u l-entitajiet ewlenin (bħall-Aġenzija Nazzjonali ta' l-Integrità futura, u l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura) u billi jipprovdu taħriġ ta' livell għoli lill-pulizija, l-uffiċjali doganali u l-prosekuturi tar-Rumanija fl-akkademji nazzjonali tal-pulizija u d-dwana tagħhom, l-iskejjel tal-maġistrati jew l-istituti nazzjonali tal-ġustizzja u ċentri oħra ta' eċċellenza għas-servizz pubbliku.

L-importanza primordjali tal-prinċipju ta' l-istat tad-dritt għall-UE timplika li l-atturi kollha - il-Kummissjoni, ir-Rumanija u l-Istati Membri l-oħra – jkollhom jikkooperaw biex jiżguraw li r-Rumanija qed tirriforma effettivament il-ġudikatura tagħha u qed tiġġieled il-korruzzjoni fil-livelli kollha. Sa Ottubru 2007, il-Kummissjoni se teżamina l-ġhajnuna offruta mill-Istati Membri sabiex tidentifika n-nuqqasijiet u tiżgura li firxa sħiħa ta' appoġġ tkun offruta lir-Rumanija.

5. KONKLUŻJONI

Fl-ewwel sitt xhur ta' l-adeżjoni, ir-Rumanija kompliet tagħmel progress fl-isforzi tagħha li tirrimedja d-dgħufijiet li jistgħu ma jħallux li jkun hemm applikazzjoni effettiva tal-liġijiet, il-politiki u l-programmi ta' l-UE. Jinħtieġ iktar żmien biex jintwera li l-progress leġislattiv importanti qed jiġi tradott f'riżultati fl-oqsma ewlenin. Jinħtieġ li tibqa' tingħata attenzjoni lill-oqsma kollha fejn il-miżuri supplimentari huma fis-seħħ. Partikolarment, jinħtieġ li jiżdiedu l-isforzi fir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Fid-dawl ta' l-analiżi f'dan ir-rapport, il-Kummissjoni ma tqisx li, f'dan l-istadju, huwa ġġustifikat li jiġu invokati d-dispożizzjonijiet ta' salvagwardja tat-Trattat ta' l-Adeżjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rumanija biex tappoġġa l-isforzi tagħha fl-ilħiq tal-kriterji tal-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika. Id-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika tipprovdi li l-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sitt xhur. Il-Kummissjoni se taġġorna dan ir-rapport fil-bidu ta' l-2008. Hija se tħejji r-rapport dettaljat li jmiss dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika f'nofs l-2008. Sabiex tagħti kontribut għal dak ir-rapport, ir-Rumanija għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar progress ieħor miksub sal-31 ta' Marzu 2008.

ANNESS

Il-qagħda attwali fir-rigward tal-miżuri ta' salvagwardja u l-arranġamenti tranżizzjonali applikabbli għar-Rumanija

Klawżola ta' salvagwardja ekonomika

Mhux applikata

Klawżola ta' salvagwardja tas-suq intern

Mhux applikata

Klawżola ta' salvagwardja tal-Kwistjonijiet ta' Ġustizzja u l-Intern

Mhux applikata

Fondi agrikoli

a) Miżuri ta' salvagwardja

Mhux applikati.

b) Arranġamenti tranżizzjonali

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1423/2006 tas-26 ta' Settembru 2006 li jistabbilixxi mekkaniżmu għal miżuri xierqa fil-qasam ta' l-infiq agrikolu fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija

Is-sikurezza ta' l-ikel

a) Miżuri ta' salvagwardja

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/267/KE tat-23 ta' April dwar miżuri protettivi fir-rigward ta' l-anemija infettiva taż-żwiemel fir-Rumanija

b) Arranġamenti tranżizzjonali

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/779/KE ta' l-14 ta' Novembru 2006 dwar miżuri tranżizzjonali ta' kontroll għas-saħħa ta' l-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer fir-Rumanija

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/802/KE tat-23 ta' Novembru 2006 li tapprova l-pjanijiet għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer selvaġġi u t-tilqim ta' emerġenza għal dawk il-ħnieżer u għal ħnieżer fi stabbilimenti, kontra dik il-marda fir-Rumanija

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/805/KE ta' l-24 ta' Novembru 2006 dwar miżuri ta' kontroll għas-saħħa ta' l-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri (emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/152/KE tas-6 ta' Marzu 2007)

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/16/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 li tistipula miżuri tranżizzjonali għal kummerċ intra-Komunitarju fis-semen, l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi bovini, porċini, ovini, kaprini u ekwini miksuba fil-Bulgarija u r-Rumanija

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/23/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 li temenda l-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005 fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam, il-ħalib u l-ħut fir-Rumanija

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/27/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 li tadotta ċerti miżuri tranżizzjonali li jikkonċernaw kunsinni tal-ħalib mhux ipproċessat lil stabbilimenti ta' l-ipproċessar u l-ipproċessar ta' dan il-ħalib mhux ipproċessat fir-Rumanija fir-rigward tar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/29/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 li tistipula miżuri tranżizzjonali għal ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali koperti mir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill introdotti fil-Bulgarija u r-Rumanija minn pajjiżi terzi qabel l-1 ta' Jannar 2007

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/30/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 li tistipula miżuri tranżizzjonali għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali miksuba fil-Bulgarija u r-Rumanija (emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/264/KE tal-25 ta' April 2007)

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/228/KE tal-11 ta' April 2007 li tistipula miżuri għas-sistema ta' l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali ovini u kaprini fir-Rumanija pprovduta fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004